MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2003

Numru. 710/2001

PULIZIJA
SPETTUR ALFRED MALLIA
VS
SAVIOUR MICALLEF

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Saviour Micallef ta' 39 sena, detentur tal-karta tal-identita numru 593962M, bin Saviour u Theresa nee Caruana imwieled Qormi fil-24 ta' Settembru 1962 u li joqghod Sidna Marija, Triq George Borg, Tal-Qattus, Birkirkara talli gewwa Rikazoli limiti tal-Kalkara, u bejn it-13 ta' Frar 1998 u 30 ta' Marzu 1999, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, bhala il-proprjetarju, direttur jew konsumatur tal-fabbrika SM Cables Co Ltd li tinsab fil-Qasam Industrijali tar-Rikazoli, u bhala il-persuna responsabbli ghall-meter tal-elettriku fl-imsemmi fond, b'mezzi qarrieqa li bihom wiehed jista jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar fil-meter, tal-kwantita mehuda jew

ikkunsmata fil-fond hawn fuq imsemmi, u b’hekk ikkommetta serq ta’ dawl elettriku li jammonta ghal Lm1700.25,0 ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta liema serq kien ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur, u bil-hin ai termini tal-artikoli 18, 261, 263, 267 u 270 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mill-provi tal-prosekuzzjoni jirrizulta illi t-technical officer tal-Enemalta Angelo Ellul “gie ordnat” biex jmur jiehu reading tal-meter tal-fabbrika SM Cables Ltd Industrial Estate Kalkara immexxija mill-imputat. Meta acceda fuq il-post u spezzjona il-meter sab illi dan kellu is-sigilli imbaghbsa pero d-disk kien qed jdur normali u ma kien hemm xejn fil-meter biex b’xi mod jostakola d-disc milli jdur regolarment (ara xhieda fol 10-13).

Mario Cassar kkonferma “report of surprise inspection” esebit bhala dok AE a fol 14 u xhed illi kien sabu, f’”surprise insepction” fil-fabbrika fuq indikata, meter bis-sigilli tieghu imbaghbsa – imtaqqba u b’zigarella li mhux soltu tintuza mill-korporazzjoni. Xehed illi t-tbaghbis tas-sigilli setghuu saru minn sena sa sentejn qabel is-“surprise inspection” (ara xhieda a fol 18).

Silvio Decelis xehed a fol 19 et seq illi meta l-ufficjali tal-Enemalta sabu dan il-meter bis-sigilli “imbaghbsa” gie deciz illi jigi ttestajt dan il-meter. B’sistema pjuttost komplikata, l-korporazzjoni sabu illi dan il-meter li kien imqieghed fil-fabbrika SM Cables, ma kienx jirregistra il-konsum korrettament izda kien “slow”. Permezz ta’ sistema ta’ averages il-korporazzjoni hadmet stima ta’ dak

li suppost gie registrat f'konsum u harget kont ta' Lm1700.25c.

X-xhud Decelis stqarr a fol 21:
"Issa kif gie nieqes il-konsum ma nistax nghid jiena, ha naghmilha cara, ghax il-meter under test hareg "slow". "Ma nistax nghid ghaliex."

Mitlub mid-difiza jghid jekk jafx illi f'dan il-perjodu kien hemm kwistjoni bejn il-korporazzjoni u l-imputat dwar allegat kont ta' kurrent elettriku ta' Lm17,000, li wara rrizulta li kien zbaljat ghaliex il-meter kien ssettjat "fast", X-xhud Decelis ma kien jaf xejn dwar dan.

Fit-tieni xhieda tieghu Angelo Ellul ma ftakarx li kien mar fil-fabbrika tal-imputat fuq il-kaz ta' meter imbaghbas qabel dan l-incident.

Fit-tieni xhieda tieghu (fol 34 et seq) Mario Cassar l-anqas ma ftakar li kien hemm x'inkjesta ohra qabel dik odjerna rigward il-meter, ghalkemm jiftakar li mar jiehu diversi readings mil-meter u qatt ma rrizulta xi haga irregolari.

Tarcisio Mifsud a fol 38 et seq xhed illi d-difiza kienet qed thallat il-kaz tal-meter ta' Marzu 2000 mal-kaz odjern li gara f'Marzu 1999. Fil-kaz ta' Marzu 2000 il-korporazzjoni kienet sabet illi l-meter kien "full scale" u li kellu difett tekniku u ghalhekk ma rriferiex il-kaz lill-pulizija.

Gew esebiti il-korrispondenza bejn il-korporazzjoni u d-difiza.

Fit-tielet xhieda tieghu Mario Cassar kkonferma x-xhieda tieghu pero ma seta jitfa ebda dawl fuq it-"tests" li saru fuq il-meter da parti tal-korporazzjoni.

Supretendent Angelo Baldacchino a fol 63 et seq kkonferma r-rapport tieghu u jinstab a fol 5 tal-process verbal anness ma dawn l-atti.

Silvio Dcelis a fol 68 et seq xehed in kontro ezami fuq il-maniera li bih tista b'tornavit tirrendi l-meter "slow". Mitlub

jghid jekk kienx hemm evidenza ta’ dan it-tip ta’ “tampering”. Decelis xehed li ma setghax jghid ghax inkella jkun pruzuntuz. Illi imbaghad hadem l-“average daily consumption” ghas-sena 1996 (ara fol 75).

L-imputat min-naha tieghu xehed illi huma kienu hadu il-fabbrika fin-1995. Xehed illi huwa l-aktar ili jkun il-fabbrika mid-diretturi u li meta l-uficjali tal-Enemalta kienu gew jaghmlu l-inspection ma kien hemm hadd mid-diretturi presenti u gie mitlub jinzel sal-fabbrika.

Kif wasal gie ordnat jghaddi Lm200 lil Enemalta inkella jaqtghu d-dawl u kien gie kostrett jaghmel dan u hallew il-meter “imbaghbas” jahdem ghal 15 il-gurnata qabel ma qalghuh.

A fol 78 l-imputat xehed illi l-ufficjali tal-Enemalta kienu “gja qatghu sis-sigilli qabel ma wasal huwa”.

Xehed wkoll illi kull sena x-xoghol tal-fabbrika zdied xi ftit.

In kontro ezami l-imputat, mistoqsi min kellu interess li jisslowja l-meter xehed li hadd mid-diretturi jew staff ma kien kapaci jaghmel xi haga bhal din. Pero qal li kien hemm impjegat (certu Taliana) li spiccaw bl-inkwiet mieghu li seta qata is-sigilli b’vendikazzjoni.

Ikkunsidrat:-

Illi fit-trattazzjoni abbli tad-difiza johorgu cari l-inkonsistenzi u tahwid fuq iz-zewg inkjesti, il-maniera li biha gie stmat il-konsum.

Din il-Qorti ma tistghax ma taqbilx ma dak sollevat mid-difiza fit-trattazzjoni izda forsi l-aktar fattur li jimmilita kontra t-tezi tal-prosekuzzjoni huwa il-fatt illi l-prosekuzzjoni, t-technician tal-Enemalta, u l-espert nominat fl-inkjesta ma setghux jispjegaw r-raguni tat-“technical fault” tal-meter.

Illi in oltre din il-Qorti l-anqas ma tista sserrah fuq it-tbaghbis tas-sigilli  u l-konsum tal-meter stante illi dawn gew maqtugha qabel mal-imputat wasal il-fabbrika.

Illi in vista ta' dana kollu din il-Qorti ma tarax kif tista in effett tasal biex ssib htija fl-imputat.

Illi ghal dawn il-motivi il-Qorti ssib lill-imputat mhux hati skond l-akkuzi u tilliberah.

.

MAGISTRAT
MARICA CARUANA
DEP.REG.

--------------------------------TMIEM--------------------------------